MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 640/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**ANTHONY RAPA, iben Joseph u Rosaria nee' Zammit, imwieled San Pawl il-Bahar nhar l-4 ta' April, 1969, residenti fil-fond Marouska, Flat 7, Triq Ghabex, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 150769M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Anthony Rapa** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta' Novembru, 2001, u f'dati precedenti, gewwa San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra f'dawn il-

Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm50,000.00 bi hsara ta' John Camilleri, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, u cioe' madwar 2,236 biljett tal-100 Dollaru Amerikan, liema biljetti tal-flus huwa kien jaf li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Frar, 2002, fil-Mosta, ikkommetta serq ta' apparat tal-computer, stereo, u oggetti ohra li jiswew aktar minn Lm1,000.00 komplessivament, ghad-detriment ta' Carmel Dimech u s-socjeta' Italmal Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fil-11 ta' Gunju, u f'dati precedenti, f'San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe' computer, printer, monitor u keyboard, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun,

indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli kiser il-provvediment dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. L-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
b. L-Artikoli 3, 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. L-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. L-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. L-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
f. L-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
g. L-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali;
h. L-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-provi kollha prodotti.

Ghalhekk l-Ispettur Joseph Cordina xehed illi din il-kawza giet instigata minn certu John Camilleri li lmenta li hu kien ircieva minghand l-imputat, in parte anke minhabba bejgh ta’ proprjeta’ lilu, ammont kbir ta’ Dollari Amerikani foloz li ghalihom kien tah is-somma ta’ Lm50,000.00. Illi fuq tali rapport, il-pulizija kienet ghamlet tfittxija god-dar tal-imputat. Minn hawn gew elevati mill-gwardarobba computer u printer, dan gie ezebit bhala Dok JC2. Ezebixxa wkoll l-Ispettur, stqarrija rilaxxata mill-imputat, kif ukoll sentenza, Dok JC3, moghtija kontra l-imputat.

Mill-investigazzjonijiet tal-Ispettur, gie stabbilit ukoll illi l-computer li kien instab ghand Rapa, kien fuqu tela’ isem ta’ kumpanija Italmal. Issa rrizultalu wkoll illi din il-kumpanija kienet fil-fatt ghamlet rapport ta’ serq ta’

computer u fuq dan l-Ispettur kien kellem lil Carmel Dimech.

John Camilleri minn naha tieghu kien xehed illi lill-imputat kien jafu ghax kien bieghlu flat. Qal illi kien tah deposit ta' Lm3,000.00, u baqa' ma hallsux il-bilanc. Kienet baghtet ghalih l-Ispettur Sharon Tanti li kienet avzata li minn dan il-fond kienu qed jithaddmu n-nisa. Fuq hekk xehed illi aktar beda jissikka lill-imputat biex ihallsu u dan kien qallu li seta' jaghmel dan billi jaghtieh il-bilanc f'Dollari Amerikani. Qal illi ghalhekk l-imputat tah hafna flus f'Dollari foloz, u ta' dawn Camilleri kien tah Lm50,000.00.

Fuq il-bejgh tal-flat qal illi hu accetta li jithallas f'Dollari Amerikani ghax wara hafna insistenza, Rapa kien baqa' inadempjenti fil-hlas tal-bilanc dovut. Qal ghalhekk illi kien accetta d-Dollari ghax hass illi ma kinx hemm triq ohra.

Qal illi qabel ma sar bejniethom dan it-tpartit ta' flus, Camilleri kien talab lil Rapa pakkett ta' mitt Dollaru - dawn Camilleri kien iccekkjahom u sabhom tajbin. Ghalhekk Rapa nsista li jhallsu bid-Dollari u ried li jaghtieh (isarraflu) zewg miljuni. Ftehmu fuq il-Lm50,000.00 imsemmija. Xehed ukoll illi qabel ma sar dan it-tpartit ta' flus bejniethom, Rapa kien anke mar ifittxu l-Hamrun u kien urieh pakkett mimli Dollari u arma tan-nar – dawn il-flus skondtu ippakkjati. Iddeskriva l-arma bhala wahda bil-kanna. Qal illi kienu ftehmu li l-bdil tal-flus isir gewwa GT Court fejn kien joqghod Camilleri. L-iskambju tal-flus spjega li sar minn taht bieb tal-basement kif kien issuggerielu l-istess Rapa. Tah hawn Lm50,000.00. Meta sar l-iskambju spjega li halla lil Rapa jitlaq u kif kien gol-garaxx, ikkontrolla l-flus u sab illi dawn kienu dduplikati, cioe' kellhom serial number bhal xulxin. Ma setax jaqbad lil Rapa fuq dan bit-telephone.

Qal illi halla l-pakkett fil-garaxx minn fejn aktar tard gabritu l-pulizija. Qal illi meta fl-ahhar qabad lil Rapa, cahad dan kollu, anzi qallu li kien tah flus Maltin tajbin.
Qal illi ma kellux triq ohra hlief li jmexxi bil-pulizija.

Ezebixxa dan ix-xhud dokumenti li kienu juru li hu kien gibed is-somma ta’ Lm50,000.00, slips tal-banek. Ezebixxa diversi ittri bankarji, u ittri ufficjali mibghuta lil Rapa biex jirritorna l-flus u anke citazzjoni maghmula minn Rapa lil Camilleri biex dan jersaq ghall-bejgh tal-fond. Ezebixxa wkoll notament tal-flus li Rapa kien qallu li kellu f’Dollari Amerkani (folio 89), ghas-somma ta’ Lm15,000.00.

Spjega wkoll aktar tard l-istess Camilleri, meta rega’ ngab jixhed biex jikkonferma x-xhud li kien fl-Ingenere, illi ftit mid-dokumenti tal-withdrawals kienu jidhru fuq bintu Melanie Camilleri ghax kienet hi li kienet gibdet l-istess flus.

Spjega dwar il-fatt illi l-flus ghaddewhom minn taht il-bieb, illi hu kien ta lil Rapa s-somma ta’ Lm50,000.00; mentri Rapa taht 22 pakkett ta’ Dollari. Zied illi kien cert illi dan l-iskambju sar ma’ Rapa ghax kien rah niezel ir-rampa tal-garaxx (bil-karozza). Ikkorega wkoll l-offerta ta’ Lm15,000.00, ghas-somma ta’ Lm1,500.00.

Minn naha tieghu, Carmelo Dimech xehed illi kellu kumpanija bl-isem Italmal Machinery Limited. Qal illi hu kien jaf lill-imputat ghax fiz-zmien kien johrog mat-tifla tieghu. Kien jafu ghal tlitt snin. Muri Dok JC6 gharaf il-computer monitor u accessorji ohra relatati, li skondtu gew misruqa mill-fabbrika msemmija.

Qal illi dawn kien rega’ rahom gewwa l-ufficju tal-Ispettur. Xehed ukoll illi hawn hu kien mar anke mal-awditur tieghu, ta lill-espert u lill-pulizija il-code number li bih kien jinfetah l-istess computer, u go fih sabu l-programmi tal-kumpanija, data tal-VAT, pagi tat-tarmac, u pagamenti ohra. Dwar is-serqa li kien sofra, xehed illi l-ammont misruq kien fl-ammont ta’ Lm1,500.00 f’affarijiet.

Xehed ukoll illi lill-Ispettur kien indikalu li kien Rapa l-attur tas-serqa, dan biss ghax kellu suspett hazin fih (!!). Qal illi s-serqa saret bejn il-hamsa ta’ filghaxija sa filghodu u li kien inqata’ katnazz.

WPC 79 Anna Maria Mangion xehdet illi l-imputat ma kellu ebda permessi jew licenzji mahruga a favur tieghu "*to keep or to carry xi arms.*"

Rat illi l-Qorti hatret bhala espert tal-impronti digitai lil Ivan Portelli, li kellu ghalhekk jghaddi biex jiehu l-impronti digitali tal-imputat, jirtira l-impronti digitali gia' ezebiti tal-esperti mahtura fl-Inkjesta (wahda dwar il-flus foloz u l-ohra dwar is-serq soffert ghad-dannu ta' Dimech), u jghaddi ghal ezami komparattiv. Ghalhekk Ivan Portelli ghadda biex jaqdi l-inkarigu tieghu, u ghalhekk prezenta r-relazzjoni tieghu Dok IP folio 235. Senjalament fl-istess ikkonkluda hekk:

*"Illi d-dokument immarkat bhala 02BDS NH4 gie identifikat u mqabbel mas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Antoine Rapa (b'riferenza ghal faxxikolu fotografiku). Ghaldaqstant, ir-rizultat konkluzziv ta' dan l-inkarigu huwa wiehed pozittiv."*

Spjega l-espert Portelli fix-xhieda tieghu, illi dan id-dokument analizzat NH4, kien impronta li giet zviluppata minn fuq wahda mill-karti ta' 100 Dollaru li kienu ezebiti.

Minn naha tieghu, l-espert Martin Bajada, mahtur biex jezamina d-Dollari ezebiti, ikkonkluda illi:

*"Illi fl-opinjoni tal-esponent analizi fuq aktar security features fuq dawn il-flus ma kinx necessarju peress illi nuqqas ta' feature wiehed biss ikun bizzejjed sabiex jkkwalifika l-flus bhala foloz."*

Xehed in difesa l-Ispettur Joseph Cordina. Mistoqsi jekk jirrizultalux illi fil-fatt kien Camilleri li kien talab lil Rapa ibieghlu dawn il-flus, u li Rapa kien irrifjuta, qal illi dan ma kinx irrizultalu mill-investigazzjoni tieghu. Qal illi tul l-investigazzjoni tieghu, hu kien zamm mal-verzjoni li kien tah Camilleri, ghalhekk xehed illi kien anke addebita lil Rapa bl-akkuza tal-arma tan-nar fuq dak biss li kien qallu Camilleri.

Minn naha tieghu John Camilleri issa xehed in difesa xehed u nnega li hu kien ha flus lil Rapa biex ibieghhomlu. Qal illi kien ghadu ma thallasx il-flus kollha tal-flus dovuti minn Rapa fuq il-flat, u li kien baqaghlu jiehu minghand Rapa s-somma ta’ Lm50,000.00. Qal illi hu kien ta l-flat lil Rapa biss fuq il-kelma, u li ma kinx sar konvenju. Qal illi kien ta lil Rapa c-cavetta tal-fond, tah deposit ta’ Lm3,000.00 u ftehmu li jaghmlu l-kuntratt finali tlitt xhur, umbaghad sitt xhur wara, u baqghu sejrin hekk - liema kuntratt baqa’ ma sarx.

Baqa’ jinsisti li ta l-hamsin elf Maltin lil Rapa meta kien qallu li kellu zewg miljun Dollaru, u dan ix-xhud kien infurmah illi ma kellux dawn it-tip ta’ flus. Qal illi kien l-imputat li kien issikkah dwar l-iskambju ta’ flus. Kien ghalhekk li kellem lit-tifla tieghu u ghalhekk gibed il-flus mit-tliet kumpaniji tieghu. Innega li Rapa talbu Lm50,000.00 bhala self, imma biex jaghtihomlu lura f’Dollari. Spjega li l-kwistjoni tal-Lm50,000.00 inqatghet wara li kienu baghtu ghalih is-CID. Kien hawn li beda jigri wara Rapa ghal flusu, u kien hawn li Rapa kien ghamillu l-proposta taz-zewg miljuni. Qal illi Rapa qatt ma ried johroglu mill-flat, tant illi mhux biss talbu jaghmel hekk, imma anke ghamel rapport l-ghassa u baghtlu xi karti.

Qal illi wara li kienu baghtu ghalih il-pulizija fuq il-hdim tan-nisa, hass illi kien ahjar jaccetta d-Dollari, b’hekk kien ikun qed jithallas. Qal illi hassu mhedded, pero qal illi ma ghamilx rapport l-ghassa ghax ipprova jirranga. Qal illi hu mill-iskambju ta’ flus ma riedx gwadann, ried biss il-flus tal-flat.

Qal ukoll illi kien induna li l-flus kienu foloz ghaliex Rapa kien tah sitt pakketti zejda tal-flus u ghalhekk beda jiccekkjahom u sabhom duplikati fis-serial numbers. Tant beza’ li rega’ rrepeta li kien ser jahraqhom, pero kellem avukat. Qabel illi kien sar negozju iehor ma’ Rapa, cioe’ bieghlu cruiser, pero li l-bejgh proprja qatt ma sar. Fehem illi kellu fabbrika tad-dghajjes u li Rapa kien talbu wahda, kien hadha – ma kinx pero ghamel it-transfer u ghalhekk talabhielu lura. Spjega li t-transazzjoni tad-dghajsa ma

kellha x'taqsam xejn mal-flat. Xehed illi fil-fatt kien mar, qabad u ha d-dghajsa lura minn jeddu.

Dwar il-flus, ammetta li hu ma kinx iccekkjahom kollha, kien qabad pakkett umbaghad telaqhom hemm gol-garaxx. Qal illi fil-garaxx hadd ma kien jidhol hlief hu, u li hu biss kellu cavetta.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta li l-flus misjuba fil-garaxx ta' John Camilleri, skont kif irrapporta hu lill-pulizija, kienu foloz. Jirrizulta wkoll illi fil-fatt Rapa fittex lil Camilleri biex dan jersaq ghall-bejgh ta' fond – allura dak li xehed Camilleri dwar il-fond, cioe' li kien f'idejn Rapa, gie ppruvat. Jirrizulta wkoll illi Camilleri gibed ammonti ta' flus. Spjega dan ghalfejn. Jirrizulta b'mod xjentifiku li fuq dawn il-flus foloz, fuq wahda minnhom, instabet impronta digitali ta' Rapa. Daqstant iehor il-Qorti temmen ukoll illi Camilleri hass certu theddid jew skumdita' fil-konfront tas-Sur Rapa li wasslu anke biex jaghmel dan in-negozju ta' flus – jekk hekk tista' ssejjahlu, mieghu, biex jithallas ta' hwejgu. U ghalhekk temmen il-verzjoni tal-istess Camilleri li fil-fatt Rapa f'okkazjoni minnhom anke pprezenta ruhu biex jiltaqa' mal-istess Camilleri, u kellu fil-pussess tieghu arma.

Frankament hija fjakka l-linja difensjonali proposta fl-ezami in difesa ta' Camilleri, li kien dan ix-xhud li pprova jbiegh id-Dollari lil Rapa – dan la jaghmel sens meta tiehu l-provi kollha fl-assjem taghhom, aktar meta tiftakar li s'issa Rapa, jew sa dak iz-zmien, kien qed jokkupa flat mhux imhallas **<u>bla ebda titlu (enfasi tal-Qorti).</u>**

Daqstant iehor gie ppruvat is-sejbien ghand Rapa ta' oggetti provenjenti minn serq ghad-dannu ta' Dimech, bniedem li huwa kien ilu jaf sew ghal tlitt snin, ghax kien johrog ma' bintu, b'oggetti misjuba ghand Rapa mistura.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib htija wara dak kollu premess, fil-konfront tal-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; tal-Artikoli 3 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-

Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah ukoll mill-effetti tal-addebitu ta' serq, in kwantu dan ma jirrizultax.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ikkunsidrat ukoll l-ammont ta' flus li Rapa ha minghand Camilleri – Lm50,000.00, u dan ammont ta' flus li baqa' jinnegah.

Illi tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt(3) snin;
Tiskatta wkoll it-tnax(12)-il xahar piena karcerarja sospizi, li ghalihom kien precedentement ikkundannat (vide sentenza folio 34 et seq), u ghalhekk globalment qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' erba'(4) snin.
Tikkkundannah ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €2,147.66.

Tordna li l-flus Dollari kollha ezebiti jghaddu ghand il-Bank Centrali ta' Malta biex jiddisponu minnhom skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------